**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA'  LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SITTA                    20  ta' NOVEMBRU, 2019**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, u l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato,  Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur  Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kyle Mifsud, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Dino Bonnici.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **6.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 6.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija. |
| | | |
| **6.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 6.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħames seduta. |
| | | |
| ***6.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 6.3.1 | | • Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa x'passi ittieħdu fuq il-periklu ta' Triq il-Wied – int u nieżel lejn Wied iż-Żurrieq.  Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi u s-Sindku, u l-Kunsillier Joseph D'Amato kellhom laqgħa mal-Ministru Ian Borg fejn qal li jista jagħti l-għajnuna tiegħu.<br>• Il-Kunsillier Dino Bonnici qal fir-rigward tal-maratona tal-ġiri, kienet suċċess ikbar minn ta' snin qabel.<br>• Is-Sindku qalet li l-kors tal-first aid jiġi 35Euro kull persuna.  Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal xi fondi biex isiru tali korsiijiet.<br>• Is-Sindku qalet li fid-29 ta' Novembru, ser isir forum f'Ħal Safi li jirrigwardja sports u kultura u mistiednin l-għaqdiet kollha tar-raħal inkluż il-Kunsilli Lokali. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-Kunsillier Kaydem Schembri staqsa jekk sarx xi ħaġa fuq ilqugħ mix-xita fl-entraturi tal-iskola. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kitbet lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni fuq il-każ u ser terġa tibgħat tfakkira.<br>• Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li ċċekjat fuq ir-residenta tal-Mitħna tal-Qaret u mad-Dipartiment tal-Artijiet. Ġiet infurmata li r-residenta tinsab reġistrata. Is-Sindku u l-Viċi Sindku qalu li marru fuq il-post kemm il darba imma l-persuna ma fetħitilhomx. |
| | | |
| | | |
| 6.3.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fir-rigward ta' 5.6c.1 irriżultalu li kien hemm 3 PC oħra li huma PC25/19, PC154/18, PC85/18, simili ta' PC 49/19 u l-Kunsill ma ħax azzjoni fuqhom. Mhux qed jgħid li l-Kunsill ser jagħmel ħażin għax oġġezzjona fuq PC49/19 imma jħoss li hu għandu jimxi bl-istess mod, f'kull każ. Hu bħala Dino Bonnici qal li jħoss li għandna nimxu bħal l-ohrajn. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-PC l-oħra tressqu bħal ma tressqet din, imma għax ir-residenti pressaw fuq dan il-każ il-Kunsill ħa azzjoni. Fuq il-każijiet l-oħra peress li l-Kunsill ma kellux pressjoni, il-kunsill ma għamel xejn.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li għalkemm is-Segretarju Eżekuttiv ressqet b'email id-draft ta' oġġezzjoni li għamel il-Perit u għalkemm ma jaħsibx li l-bord ser jaqbel mal-Kunsill, jħoss li mhux sew li l-Kunsill ser iwaqqaf pjanar ta' bini ta' din il-PC u tal-oħrajn le.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit Daniel Darmanin kiteb oġġezzjoni fuq il-permess PC00049/19, f'isem il-Kunsill Lokali. Dok mehmuz numru 1.<br>Hi qalet li l-Perit Daniel Darmanin ta parir lill-Kunsill biex jikteb lill-Prim Ministru u lill-Minisru Ian Borg, biex jitlob revizzjoni taż-żoni ta' rationalisation, speċjalment fl-areas li s'issa għad ma kienx hemm applikazzjonijiet għal bini. Il-perit qal li jekk il-Kunsill ma jixtieqx jara żvilupp f'dawn l-oqsma, l-aħjar mod huwa li jinbidel il-pjan lokali u dan jista jsir biss permezz tal-Kabinett. Hu qal li l-Kunsill jista jgħid li meta l-Partit Laburista kien fl-oppożizzjoni kien oġġezzjona għal din ir-rationalisation u allura wieħed jistenna li din it-talba tiġi milqugħa faċilment.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li jekk 70% tas-sidien jitolbu zoning, din l-art tinbena. Il-problema hi li ser ikun hemm ħafna appartamenti minflok terraced houses jew maisonettes. Il-bini ta' meta saret ir-rationalisation, ma kienx il-bini li qed jinbena illum. Qabel terraced houses u maisonettes u issa blokkok ta' flats. Hi qalet li l-Kunsill għandu juri l-preakkupazjoni, fuq il-bini li qed isir u li l-Kunsill jingħata garanzija biex li fadal ODZ jibqa ODZ.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud jaqbel mal-perit u li l-Kunsill għandu jikteb lill-PM fuq dan ir-rigward. Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qablet mal-Kunsillier Kyle Mifsud.<br>Il-Kunsillier Tiffany Farrugia qalet li fir-raħal hawn ħafna plots vojta fil-qalba taż-Żurrieq li jista jsir bini fihom, minflok fl-outskirts taż-Żurrieq.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ma jaqbilx li tinkiteb ittra lill-PM fuq ir-rationalisation li sar, għax dak kien proċess metakolu ż ħafna, saru diversi studji |

| | | |
|---|---|---|
| | | u wara dawk l-għelieqi hemm sidien li għamlu gwadan. Imma fuq żoni oħra,l-Kunsill jista jikteb biex ma jsirux aktar żoni ta' żvilupp. Hawn il-Kunsillier Joseph D'Amato qabel mal-Kunsillier Dino Bonnici u filwaqt li spjega liema kienu iż-żoni li l-Kunsill ma oġġezzjonax għalihom, qal li minn issa 'l quddiem il-Kunsill għandu joġġezzjana fuq kull post li ser jinbena fiż-żona tar-rationalisation li saret, bħal ma saret fil-każ ta' PC49/19. |
| | | |
| | | |
| ***6.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 6.4.1 | | Dan l-item ser jitressaq f'punt ieħor. |
| | | |
| | | |
| ***6.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 6.5° | | Ma kienx hemm rapporti x'jinqraw. |
| | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia daħal għas-seduta fit-20:00. |
| | | |
| ***6.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| 6.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilment/suġġerimenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill:<br><br>***a)*** Persuna talbet biex torganizza attivita għat-tfal fil-ġnien tal-Ġibjun, li tikkonsisti f' żebgħa ta' ornament tal-ġibs, li jinxtraw mill-post stess. Din il-persuna tixtieq li tagħmel din l-attivita' għal 3 darbiet f'xahar, f'ġurnata li jgħidilha l-Kunsill. Hi ser tagħti irċevuta fiskali tal-beigħ. Kien hemm qbil li tingħata permess bi ħlas.<br>***b)*** Biex Triq Napuljun issir one way permanenti u mhux għal żmien il-festi biss. Ser issir laqgħa bejn is-Sindku, u l-Kunsilliera Joseph D'Amato u Kyle Mifsud fuq il-post u jiddiskutu il-każ.<br>c) Persuna ser jagħmel CDs ta'30 minuti 'l waħda bit-titlu 'Mirakli ta'fejqan minn Gesu'. Qed jitlob biex il-Kunsill iħallas 100Euro u jagħti tali Cds lill anzjani tar-raħal. Ma kienx hemm qbil.<br>d) Il-Kunsill tax-Xagħra Għawdex stiednu lill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq biex jagħmlu ftehim ta' ħbiberija bejniethom, sabiex ikunu jistgħu jorganizzaw attivitajiet konġunti u jaqsmu l-esperjenzi flimkien. Kien hemm qbil fuq dan.<br>e) Resident qed jitlob li jsiru parking bays fi Triq il-Qroll u parkeġġ ukoll fuq bankina wiesgħa li hemm fit-triq. Kien hemm qbil li parkeġġ fuq bankina ma jsirx u meta jkunu preżenti il-kuntrattur tas-sinjali tat-toroq jgħatu parir huma fejn għandhom isiru parkeġġi taħt il-bankina.<br>f) Suġġeriment biex isir cat shelter bħal dawk li saru fejn il-Mitħna, fil-Ġnien l-Ewropa. Ma kienx hemm qbil.<br>g) Biex issir sleeping policeman fis-service road ta' Vjal il-Blue Grotto qabel |

| | | |
|---|---|---|
| | | tidħol għal Triq San Pawl. Kien hemm qbil li ssir. |
| | | |
| | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta fis-19:00. |
| | | |
| 6.6.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li f' Diċembru skont il-liġi hemm bżonn li ssir laqgħa annwali oħra għar-residenti. Kien hemm qbil li tali laqgħa issir fil-ġurnata tal-laqgħa tal-Kunsill, fil-5:30 ta' filgħaxija. |
| | | |
| 6.6.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet risposta mingħand l-avukat fuq il-persuna li kellha permess ta' gabbana fil-festa ta' Santa Katarina VM u li ħolqot problemi lejn sidien ta' gabbani oħra u lejn il-Kunsill. Hu informa li l-liġi tagħti lill-Kunsill diskrezzjoni jekk joħroġx permess jew le abbażi ta' raġuni valida.<br><br>Kien hemm qbil li l-persuna tkun avżata minn issa li l-Kunsill mhux ser jgħati permess tal-gabbana għaż-żewġ festi tar-raħal għas sena 2020. |
| | | |
| | | |
| ***6.6a.*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |
| | | |
| 6.6.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• nhar is-Sibt ġejja studenta biex iddur ma' postijiet storiċi fiż-Żurrieq.<br>• Inbidel il-ħinijiet tal-clean up għat-8:00am<br>• Grupp ta' ċiniżi ġejjin fl-iskola taż-Żurrieq fid-29 ta' Novembru, fin-12:30 jgħatu wirja ta' puppet show u mużika lit-tfal tal-iskola.<br>• Ser ikun hemm formu organizzat mir-Reġjun Nofsinhar fid-29 ta' Novembru fil-Kunsill ta' Ħal Safi fuq il-kultura u sports.<br>• Biex lill-helpers li taw l-injections tal-influenza, il-Kunsill jagħtihom rikonoxximent bħal snin ta' qabel. Din is-sena ħaduha 'l fuq minn 750 persuna. |
| | | |
| 6.6.2 | | Il-Kunsill Kaydem Farrugia ressaq dawn is-suġġerimenti:<br>• Biex isiru tined jew bus shelters kull fejn hemm bus stops.<br>• Fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq Filippu Farrugia hemm plot mgħaluq b'ħajt mingħajr ma għamel bankina biex ir-residenti jkollhom aċċess.<br>• Il-Gal Xlokk ser joħroġ fondi oħra ta' tisbieħ, imma biex japplika l-Kunsill għalih, irid ikun lesta l-proġett li qed jgħamel bħalissa.<br>• Il-Gal Xlokk ser joħroġ fondi oħra fuq bini tal-ħitan tas-sejjieħ. |
| | | |
| 6.6.3 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li l-organizzazzjoni tal-attivita' ta' Milied f'Bubaqra, jinsab organizzat kollu. Ser ikun hemm 25 stall li ser ikunu kollha mimlija, ser ikun hemm scouts, park bl-orkestra, imwejjed bl-ikel, wirja ta' presepji, kant u sfin, tiżjien tal-Milied, ambulanza u fotografu. Ser ikun hemm marketing fuq it-TV u ser navżaw lill-arċipriet biex jgħidha fil-quddies. Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li sabet ħafna għajnuna miż-żewġ għaqdiet tal-baned fiż-Żurrieq. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 6.6.4 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ressqet ilment fuq bankina ġdida li saret fi Triq Santa Fawstina k/m Triq Isward Xuereb. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tali bankina ġiet iċċertifikata mill-perit. |
| | | |
| 6.6.5 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li:<br>• Tabella kif tidħol fiż-Żurrieq iċċarat ħafna. Kien hemm qbil li tinbidel<br>• Culvert miżdud fi Triq il-Belt Valletta – man-naħa tal-grawnd tal-football. Kien hemm qbil li jiġu infurmati d-Direttorat tal-Indafa bih.<br>• Hemm bżonn li s-cctv tal-Misraħ Repubblika tkun taqbad sew lil dawk li jitilgħu wrong way fi Triq San Mikiel, minħabba li hemm persuna partikolari li spiss tgħaddi wrong way minn din it-triq.<br>• Ser issir laqgħa fuq l-agrikoltura fit-30 ta' Jannar fil-17:00 fiż-Żurrieq. Aktar informazzjni jingħataw kif teqreb id-data. |
| | | |
| 6.6.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal :<br>• Żewġ min-nies ġodda fis-sotto kumitat tiegħu huma Nancy Farrugia u Elizabeth Farrugia. Il-Kunsill qabel magħhom.<br>• Biex jinqalgħlu l-palm li qed jostakolaw il-vista tal-vetturi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rġgħet tkellmet mal-ELC biex jaqlahhom.<br>• Issir stop marking fi Vjal il-Blue Grotto qabel tibda r-roundabout. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Issir yellow lines fi Trqi il-Qrendi k/m Triq Napuljun fuq in-naħa fejn m'hemmx bini. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 6.6.7 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• żdiedu bins mil-Cleansing Departement madwar iż-Żurrieq.<br>• ser isiru smart bins madwar iż-Żurrieq kollu, kull fejn hemm dog bin – dawn saret talba għalihom lid-Dipartiment tal-Gvern lokali bla ħlas.<br>• il-Kunsill kellu problema biex iġib il-ħamrija u pjanti għall-pots li ser isiru fi Vjal ix-Xarolla. Sadanittant il-Kunsill ġie avviċinat minn Ambjent Malta u intalbet il-ħamrija u siġar tar-rand. Ambjent Malta aċċettaw li jgħatu dak li jrid il-Kunsill. Il-Kunsill Kaydem Schembri qal li lest li jgħati l-għajnuna jekk il-Kunsill ikollu bżonn aktar ħamrija. |
| | | |
| 6.6.8 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li llum fil-Belt kien hemm protesta u weġġa l-Onorevoli Ministru Owen Bonnici. Hi ssuġġeriet li l-Kunsill jibgħat ittra lill-Onorevoli Ministru, fejn jikkundanna dan l-aġir. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill fuq dan. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***6.6b*** | | ***Laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija taż-Żurrieq is-Sur Josric Mifsud*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 6.6b.1 | | Is-Sindku tat merħba lis-Supretendent tal-pulizija. Filwaqt li rringrazzjatu talli laqa l-istedina tal-Kunsill u tax-xogħol tagħhom, tressqu dawn l-ilmenti.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv niżżlet l-ilmenti li tat lill-ispettur qabel din is-seduta u infurmat li mill-ilmneti għadu ma ġie solvut xejn. L-ilmenti li għandu l-Kunsill u li tressqu lill-ispettur kienu dawn:<br>• vetturi pparkjati fi Sqaq il-Fjuri quddiem garaxxijiet<br>• vetturi pparkjati fi Sqaq il-Ħelu jimblukkaw sqaq<br>• fejn il-Mitħna tax-Xarolla – persuni qed ikunu fuq il-bankijiet jgħajtu<br>• Triq il-Qroll bankina ingumbrata b'injam fejn il-ħanut tal-forn<br>• 4 vetturi tal-hop on hop off, ipparkjati fl-akwata tal-Bebbux<br>• Parkeġġ ħażin fejn il-Convenience, Sphinx, Village Core<br>• Rimi ta' skart fi Triq Ħal Far viċin l-open centre.<br>• Vetturi ipparkjati ħażin f'Misraħ Repubblika<br>• Pots jostakolaw bankina f' Misraħ Repubblika<br>• Trakk kbir abjad fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq Espeditu Deguara jostakola l-vista tal-vetturi li jkunu ħerġin minn Triq Espeditu Deguara.<br>• Vetturi ipparkjati fuq il-bankina fejn The Gym – jimblukkaw l-aċċess għal min juża l-bankina – ħinijiet bejn l-4am u s-7am.<br>• Vetturi ipparkjati fuq is-central strip ta' Misraħ Santa Marija – il-Ġimgħa u s-Sibtijiet filgħaxija<br>• Persuni li jħallsu permess għal użu ta' crane, jsibu vetturi pparkjati quddiem il-propjeta u l-pulizija ma jikkuntatjawx lil sid il-vettura biex iċaqlaq.<br>• Triq iċ-Ċombini ta' sikwiet tkun mgħaluqa bi trakk mingajr permess – il-Kunsill jikkuntatja l-għassa, il-pulizija jkellmuh u kif jitilqu jerġa jipparkja. Jekk mhux ser jaqla ċitazzjonijiet jibqa jagħmel hekk kull jum. Ilu sejjer hekk xahar.<br>• Serq fl-akwata tal-Maypole.<br><br>Is-Supretendent qal li l-pubbliku għandu bżonn jgħin aktar, billi jgħatu numri tal-vetturi suspettati. Hu qal li 'l quddiem l-għases ser jinqatgħu u ser ikun hemm 4 postijiet lokalizzati biss, minflok għassa. Kull hub ser ikollu ammont ta' nies, jsir appuntament mal-Kunsill darba fil-ġimgħa biex jaraw l-ilmenti u jittieħdu l-azzjonijiet. Is-Supretendent talab lill-Kunsill biex jibgħat l-ilmenti kollha lilu biex jieħu azzjoni.<br>Fir-rigward ta' pjanti li qed jostakolaw il-bankina, s-Supretendent ta parir li l-Kunsill jagħmel eżerċizzju ta' fejn hemm l-ostaklu u jagħmel appuntament mal-pulizija biex ikellmu wieħed wieħed lill-individwi. Jekk ma jittieħdux il-passi, il-Kunsill għandu jikteb lill-Lands Department għal azzjoni. |
| | | |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***6.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| 6.7.1 | | Ma kienex hemm minuti x'jiġu approvati. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***6.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 6.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta'**€80,672.35**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-kunsilliera Joseph D'Amato. |
| | | |
| ***6.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 6.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:15. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 18 ta' Diċembru, 2019 fis-6.30 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum __18_ ta' DIĊEMBRU, 2019.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**